DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Ottubru 2008

li temenda d-Deċiżjoni 2007/716/KE rigward ċerti stabbilimenti fis-setturi tal-laħam u l-ħalib fil-Bulgarija

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 6044)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2008/828/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat l-Att tal-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 42 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/716/KE [2] tistabbilixxi miżuri tranżitorji għar-rekwiżiti strutturali ta' ċerti stabbilimenti fis-setturi tal-laħam u l-ħalib fil-Bulgarija previsti fir-Regolamenti (KE) Nru 852/2004 [3] u (KE) Nru 853/2004 [4] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Sakemm dawk l-istabbilimenti jkunu fi tranżizzjoni, il-prodotti li joriġinaw minn dawk l-istabbilimenti għandhom jitqiegħdu biss fis-suq domestiku jew jintużaw għal iktar ipproċessar fi stabbilimenti Bulgari fi tranżizzjoni.

(2) Id-Deċiżjoni 2007/716/KE ġiet emendata mid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2008/290/KE [5], 2008/330/KE [6], 2008/552/KE [7] u 2008/678/KE [8].

(3) Skond dikjarazzjoni uffiċjali mill-awtorità kompetenti Bulgara, ċerti stabbilimenti fis-setturi tal-laħam u l-ħalib waqqfu l-attivitajiet tagħhom jew lestew il-proċess ta' aġġornament tagħhom u issa jinsabu f'konformità sħiħa mal-leġislazzjoni Komunitarja. Dawn l-istabbilimenti għalhekk għandhom jitnehħew mil-lista ta' stabbilimenti fi tranżizzjoni.

(4) L-Anness tad-Deċiżjoni 2007/716/KE għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

(5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2007/716/KE għandu jkun emendat skond l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 22 ta' Ottubru 2008.

Għall-Kummissjoni

Androulla VASSILIOU

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13.
[2] ĠU L 289, 7.11.2007, p. 14.
[3] ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1.
[4] ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.
[5] ĠU L 96, 9.4.2008, p. 35.
[6] ĠU L 114, 26.4.2008, p. 94.
[7] ĠU L 178, 5.7.2008, p. 43.
[8] ĠU L 221, 19.8.2008, p. 32.

ANNESS

L-Anness tad-Deċiżjoni 2007/716/KE huwa emendat kif ġej:

(1) L-annotazzjonijiet li jmiss għall-ipproċessar tal-laħam huma mħassra:

Nru	Nru Veterinarju	Isem tal-istabbiliment	Belt/Triq jew Raħal/Reġjun
"15.	BG 0301015	ET "Ingiliz"	s. Shkorpilovtsi obl. Varna
34.	BG 0901015	ET "Shenel – Shaban Shaban"	gr. Kardzhali kv. "Prileptsi"
44.	BG 1201012	"Petrov Sarbinov" OOD	s. Borovtsi obsht. Berkovica
54.	BG 1601018	"REYA" OOD	s. Manole
58.	BG 1801011	"Svinekompleks Nikolovo" AD	s. Nikolovo
82.	BG 2701003	PHZH "Bradars Komers" AD	gr. Shumen, Industrialna zona
116.	BG 1502004	ET "Maria-Maria Tsonkova-Detelina Tsonkova"	gr. Pleven Industrialna zona UPI II, kv. 608
147.	BG 0405008	"Dakor" OOD	gr. G. Oryahovitsa ul. "Tsar Osvoboditel" 60
162.	BG 1205008	ET "Viena 93-Krastyo Atanasov"	gr. Montana Park "Ogosta"
169.	BG 1505009	"O'skari" OOD	gr. Pleven zh. k. "Druzhba" 3
173.	BG 1505019	ET "Toni Petrov"	gr. Pleven ul. "Georgi Kochev"
192.	BG 2205083	ET "Kaleya-Kiril Hristov"	gr. Sofia, zh. k. Levski ul. "Letostruy" 84
234.	BG 0404024	"Kaloyan -2000" OOD	gr. V. Tarnovo ul. "Magistralna" 35
274.	BG 1504012	"Start 2006" OOD	gr. Pleven
277.	BG 1504015	ET "Evromes-Rosen Marinov"	gr. Pleven ul. "Samuil"
295.	BG 1604042	"Delikates-2" OOD	S. Zhitnitsa obsht-Kaloyanovo
335.	BG 2204100	"Ava" OOD	gr. Sofia bul. "Parva balgarska armiya" 70
353.	BG 2404034	"Kumir Si" EOOD	gr. Stara Zagora kv. "Kolyo Ganchev" Partsel 91-01"

(2) L-annotazzjonijiet li jmiss għall-ipproċessar tal-ħalib huma mħassra:

Nru	Nru Veterinarju	Isem tal-istabbiliment	Belt/Triq jew Raħal/Reġjun
"13.	BG 1212029	SD "Voynov i sie"	gr. Montana ul. "N. Yo. Vaptsarov" 8
23.	BG 1612039	OOD "Topolovo-Agrokomers"	s. Topolovo obsht. Asenovgrad

Nru	Nru Veterinarju	Isem tal-istabbiliment	Belt/Triq jew Raħal/Reġjun
57.	BG 2112018	"Laktena" OOD	s. Kutela
76.	0612010	"Hadzhiyski i familiya" EOOD	s. Gradeshnitsa mestnost "Lakata"
80.	0712001	"Ben Invest" OOD	s. Kostenkovtsi obsht. Gabrovo
109.	1512012	ET "Ahmed Tatarla"	s. Dragash voyvoda, obsht. Nikopol
135.	1912009	ET "Interes 2000 -Musa Musov"	s. Sitovo
136.	1912016	"Destan" OOD	s. Iskra
157.	2212027	"Ekobalkan" OOD	gr. Sofia bul "Evropa" 138
159.	2312013	ET "Dobrev"	s. Dragushinovo
164.	2312030	ET "Favorit- D. Grigorov"	s. Aldomirovtsi
165.	2312031	ET "Belite kamani"	s. Dragotintsi
182.	2612002	ET "Rusalka-Iv. Genev"	s. Kolarovo obl. Haskovska
200.	BG 0718004	AD "Merkuriy P i P"	gr. Gabrovo ul. "Balkan" 4"